MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2011

Numru. 1/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Christopher Tabone bin Edgar u Francesca nee' Anastasi imwieled fil-21 ta' April 1982 u residenti fil-fond 86, Flat 2, Manduca Crt, Triq Guze Howard, Sliema, Malta detentur tal-karta tal-identita numru 239082(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmi Christopher Tabone li gie akkuzat talli nhar it-12 ta' Dicembru 2009 ghal habta ta' 23:00hrs fi Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCO813 tal-ghamla Samart:-

1. b’manjiera traskurata, perikoluza u negligenti
2. aktar talli fl-istess hurañita, lok, hin u cirkostanzi fi triq jew post pubbliku iehor ma kienx f’kundizzjoni li isuq minhabba xorb jew drogi.
3. aktar talli naqas milli jiehu il-prekawzzjonijiet kollha mehtiega meta kien qed joqrob lejn zebra crossing.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti jidher illi dana s-sinistru stradali sehh meta l-imputat kien tielgha t-Telgha tat-Tigrija, ir-Rabat u kien qed javvicina z-zebra crossing li hemm vicin Triq il-Palma. Hekk kif kien qed javvicina dina l-parti tat-triq jidher skond kif isostni l-imputat u Michael Carbone li kien mieghu, illi vettura li kienet gejja mid-direzzjoni l-opposta qabdet u daret minghajr preavviz ghal Triq il-Palma. Huwa jghid illi swervja l-vettura tieghu sabiex jevita kollizzjoni u spicca laqat zewg vetturi pparkeggjati u mara li kienet ghada qed taqsam minn fuq iz-zebra crossing. Madanakollu jidher illi l-imputat fl-ebda hin ma osserva lil dina l-mara qed taqsam minn fuq iz-zebra crossing qabel l-impatt u lanqas biss induna biha meta fil-fatt laqatha. Madanakollu filwaqt li l-imputat ighid illi lanqas biss innota li kien hemm zebra crossing fit-triq, siehbu Michael Carbone jsostni illi qabel l-impatt huwa osserva tlett tfajliet qed jaqsmu minn fuq iz-zebra crossing. Illi inoltre z-zebra crossing tinsab iktar ’il fuq minn Triq il-Palma u kwindi l-Qorti ma tistax tifhem kif l-imputat bil-manuvra li ghamel laqat lil dina t-tfajla li kienet qieghda taqsam minghajr lanqas biss induna biha.

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede inferjuri per. Imhallef J.Galea Debono) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Robert Brincat deciza fit-22 ta’ Novembru 2007 il-Qorti tkellmet kemm dwar ir-responsabbilta’ tas-sewwieq kif

ukoll dwar l-obbligi tal-pedestrian meta huwa jigi biex jaqsam it-triq u stqarret:

“"*Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."*
(App. Krim. **"Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud"** [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

Il-Qorti kompliet tghid:

“Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li “*Hu dover ta’ “driver to see what is in plain view”.* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] )
u li “*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed*
*izomm “a proper lookout”* (Appell Kriminali : **“Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].

Illi kif gie gustament ritenut f’sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f’sentenza moghtija fil-21 ta’ Mejju 1960 fl-ismijiet il-Pulizija vs Anthony Spiteri: “Driver ta’ karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f’posizzjoni tali li jkollu f’kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu.” Il-Qorti osservat “ma ghandux

jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' <u>disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati</u>. (sottolinjar ta-Qorti). Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-imputat kien negligenti fis-sewqan tieghu meta naqas milli joqghod attent ghal dak kollu li kien qed jigri madwaru. Tant ma kellux kontroll shih tal-vettura tieghu illi huwa ma kienx kapaci jieqaf meta l-vettura misjuqa minn terz injot qasmet minn quddiemu. Illi ghalhekk l-ewwel akkuza tirrizulta ppruvata billi ma hemmx dubbju illi s-sewqan tal-imputat ghalkemm ma jistax jigi meqjus bhala perikoluz, izda certament kien wiehed negligenti. Ghaldaqstant il-Qorti m'hijiex ser tghaddi biex tiskwalifika l-licenzja tas-sewqan tal-imputat.

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza, jidher mill-provi akkwizti illi l-pulizija kellhom diffikulta sabiex ihaddmu l-magna tal-breathalyzer tant illi f'hin minnhom qalu lill-imputat biex jitlaq, izda jidher illi f'daqqa wahda wara li nbidlulha l-batteries dina bdiet tiffunzjona. Madanakollu anke s-surgent Cilia stess li haddem dina l-magni baqa' bid-dubbju jekk dina kenitx qed tahdem sewwa tant illi wara li telaq l-imputat mill-ghassa tal-pulizija huwa ppruvaha fuqu stess. Illi l-imputat u siehbu nnegaw illi huma kienu xorbu xorb alkoholiku ghajr ghal xi tazza inbid jew tnejn u jsostnu illi l-imputat ma kienx fis-sakra meta kien qieghed isuq. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dana d-dubbju l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza. Illi l-Qorti madanakollu ma tistax hlief tikkumenta dwar in-nuqqas ta' risorsi li l-pulizija ghandhom gewwa Ghawdex sabiex ikunu jistghu jahdmu sew. Jidher illi l-pulizija lanqas huma attrezzati b'magna tal-breathalyzer proprja u ghandhom biss magna zghira tal-idejn li lanqas tohrog rizultat bil-miktub sabiex tingieb bhala prova l-Qorti.

Illi ghar-rigward tal-ahhar akkuza dina hija kompriza u nvoluta fl-ewwel akkuza billi l-imputat kien negligenti fi-sewqan tieghu meta naqas li jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega meta kien qed joqrob lejn iz-zebra crossing. Fil-fatt kif diga sottolinjat, jirrizulta mix-xhieda tal-imputat stess illi lanqas biss induna li kien hemm dina z-zebra crossing

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 125 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza issibu hati tal-ewwel akkuza fis-sens illi s-sewqan tal-imputat kien wiehed negligenti, u tat-tielet akkuza u tikkundannah multa ta' €100.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------